ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 270

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

25 ta' Ottubru 2008


| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| | I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet* | |
| | OPINJONIJIET | |
| | **Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data** | |
| 2008/C 270/01 | Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern (IMI) fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali (2008/49/KE) | 1 |
| | II *Komunikazzjonijiet* | |
| | KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA | |
| | **Kummissjoni** | |
| 2008/C 270/02 | Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti | 8 |
| 2008/C 270/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5154 — CASC JV) [1] | 15 |
| 2008/C 270/04 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5169 — Galp Energia España/Agip España) [1] | 15 |
| 2008/C 270/05 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5201 — Total Produce/Haluco/JV) [1] | 16 |
| 2008/C 270/06 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5321 — LAHC/Barclays Life) [1] | 16 |


MT



[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2008/C 270/07 Rata tal-kambju ta' l-euro ... 17

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2008/C 270/08 Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju [1] ... 18

2008/C 270/09 Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju [1] ... 20

2008/C 270/10 Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat għax-xogħol [1] ... 22

2008/C 270/11 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali [1] ... 24

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Kummissjoni**

2008/C 270/12 Avviż ta' tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjoni ta' etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika ... 26

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2008/C 270/13 Għajnuna mill-Istat — Ir-Rumanija — Għajnuna mill-Istat C 39/08 (ex N 148/08) — Għajnuna għat-taħriġ lil Ford Craiova — Stedina għas-sottomissjoni ta' kummenti skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE [1] ... 29

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern (IMI) fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali (2008/49/KE)

(2008/C 270/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### 1. **INTRODUZZJONI**

### Is-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern

1. Is-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern ("IMI") hija għodda ta' l-informazzjoni teknoloġika li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tas-Suq Intern. L-IMI hija ffinanzjata taħt il-programm "IDABC" (Forniment Interoperabbli ta' Servizzi Panewropej tal-Gvern elettroniku lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, lin-negozji u liċ-ċittadini) ([1]).

2. L-IMI hija mfassla bħala sistema ġenerali biex tappoġġja oqsma multipli tal-leġislazzjoni tas-suq intern u huwa previst li l-użu tagħha ser jespandi biex jappoġġja għadd ta' oqsma leġislattivi fil-futur. Inizjalment, l-IMI ser tintuża biex tappoġġja d-dispożizzjonijiet ta' assistenza reċiproka tad-Direttiva 2005/36/KE ("id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali") ([2]). Inizjalment, l-IMI ser tintuża biex tappoġġja d-dispożizzjonijiet ta' assistenza reċiproka tad-Direttiva 2005/123/KE ("id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali") ([3]).

### L-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data ta' l-Artikolu 29 u l-involviment tal-KEPD

3. Matul ir-Rebbiegħa ta' l-2007, il-Kummissjoni Ewropea talbet l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data ta' l-Artikolu 29 ("GĦ29") biex ikunu riveduti l-implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-data ta' l-IMI. Il-GĦ29 ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-data ta' l-IMI fl-20 ta' Settembru 2007 ([4]). L-Opinjoni tal-GĦ29 appoġġjat il-pjani tal-Kummissjoni biex tadotta deċiżjoni li tirregola l-aspetti tal-protezzjoni tad-data ta' l-IMI, u tagħti bażi legali aktar speċifika lill-iskambju tad-data fl-IMI.

4. Il-KEPD jilqa' li l-Kummissjoni fittxet l-opinjoni tal-GĦ29 qabel l-abbozzar tad-Deċiżjoni dwar l-IMI. Il-KEPD ipparteċipa b'mod attiv fil-ħidma tas-sottogrupp li jittratta l-IMI u

([1]) Ara l-punt 12 ta' din l-opinjoni.

([2]) Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

([3]) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċemrbu 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

([4]) L-Opinjoni 7/2007 tal-GĦ29 dwar il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data relatati mas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern (IMI), GĦ 140.

appoġġja l-konklużjonijiet ta' l-Opinjoni tal-GĦ29. Huwa jilqa' wkoll li l-Kummissjoni kkonsultat informalment lill-KEPD qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni dwar l-IMI. Dan ta opportunità biex ikunu previsti suġġerimenti diġà qabel l-adozzjoni, li kien partikolarment meħtieġ peress li l-proċedura kkonċernat deċiżjoni mill-Kummissjoni nnifisha, mhux Proposta mill-Kummissjoni segwita bi proċedura leġislattiva li tinvolvi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

### Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE

5. Fit-12 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tagħha 2008/49/KE dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern (IMI) fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali ("Deċiżjoni dwar l-IMI") Id-Deċiżjoni ħadet kont ta' xi rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-KEPD u l-GĦ29. Barra minn hekk hija speċifikat il-bażi legali.

### Fehmiet ġenerali tal-KEPD dwar l-IMI

6. Il-fehmiet ġenerali tal-KEPD dwar l-IMI huma pożittivi. Il-KEPD tappoġġja l-għanijiet tal-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni u fir-regolamentazzjoni ta' l-aspetti tal-protezzjoni tad-data tagħha. Sistema rrazzjonalizzata bħal din tista' mhux biss issaħħaħ l-effiċjenza tal-kooperazzjoni, iżda tista' wkoll tiżgura konformità mal-liġijiet tal-protezzjoni tad-data applikabbli. Tista' tagħmel hekk billi tipprovdi qafas ċar dwar liema informazzjoni tista' tkun skambjata, ma' min, u taħt liema kondizzjonijiet.

7. Madankollu, l-istabbiliment ta' sistema elettronika ċċentralizzata toħloq ukoll ċerti riskki. Dawn jinkludu, l-aktar importanti, li aktar data tista' tkun ikkondiviża u b'mod aktar wiesa' milli strettament meħtieġ għall-finijiet ta' kooperazzjoni effiċjenti, u li d-data, inklużi data potenzjalemt skaduta u data mhux eżatta, tista' tibqa' fis-sistema elettronika għal tul ta' żmien aktar milli meħtieġ. Is-sigurtà ta' bażi tad-data aċċessibbli fis-27 Stat Membru hija wkoll kwistjoni sensittiva, għax is-sistema hija biss żgura daqs kemm jippermettilha li tkun il-kollegament l-aktar dgħajjef fin-netwerk.

8. Għalhekk, huwa importanti ħafna li t-tħassib dwar il-protezzjoni tad-data jiġi indirizzat f'att Komunitarju legalment vinkolanti, kemm jsita' jkun bl-aktar mod sħiħ u mingħajr ambigwità.

### Demarkazzjoni ċara tal-kamp ta' applikazzjoni ta' l-IMI

9. Il-KEPD jilqa' li l-Kummissjoni tiddefinixxi u tiddelimita b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-IMI, b'anness li jelenka l-atti Komunitarji rilevanti u li abbażi tagħhom l-informazzjoni tista' tkun skambjata. Dawn jinkludu attwalment id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali u d-Direttiva dwar is-Servizzi; madankollu, huwa mistenni li fil-ġejjieni l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-IMI jiġi estiż. Meta tkun adottata leġislazzjoni ġdida li tipprevedi skambju ta' informazzjoni bl-użu ta' l-IMI, l-anness ser jiġi aġġornat simultanjament. Il-KEPD jilqa' din it-teknika minħabba li hija (i) tiddelimita b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-IMI, u (ii) tiżgura t-trasparenza, filwaqt li fl-istess ħin (iii) tippermetti flessibbiltà fil-każ li fil-ġejjieni l-IMI ikun użat għal skambji ta' informazzjoni addizzjonali. Hija tiżgura wkoll li ma jkun jista' jitwettaq l-ebda skambju ta' informazzjoni permezz ta' l-IMI mingħajr (i) ma jkun hemm bażi legali adatta fil-leġislazzjoni speċifika tas-suq intern li tippermetti jew tagħti mandat għal skambju ta' informazzjoni u (ii) ma tkun inkluża referenza għal dik il-bażi legali fl-anness għad-Deċiżjoni dwar l-IMI.

### Tħassib prinċipali rigward id-Deċiżjoni dwar l-IMI

10. Il-KEPD, madankollu, mhux sodisfatt (i) bl-għażla tal-bażi legali tad-Deċiżjoni dwar l-IMI li tfisser li d-Deċiżjoni dwar l-IMI hija issa bbażata fuq raġunijiet legali inċerti (ara t-Taqsima 2 ta' din l-Opinjoni), u (ii) bil-fatt li għadd ta' dispożizzjonijiet meħtiġin biex jirregolaw fid-dettall l-aspetti tal-protezzjoni tad-data ta' l-IMI mhumiex imdaħħlin fid-dokument (ara t-Taqsima 3 ta' l-Opinjoni).

11. Sfortunatament, fil-prattika, is-soluzzjoni adottata mill-Kummissjoni tfisser li kuntrarjament għall-aspettattivi tal-KEPD u l-GĦ29, id-Deċiżjoni dwar l-IMI issa ma tirregolax b'mod komprensiv l-aspetti ewlenin tal-protezzjoni tad-data ta' l-IMI, inkluż, b'mod importanti, il-mod li bih il-kontrolluri konġunti jikkondividu r-responsabbiltà rigward l-obbligu ta' notifika u jipprovdu drittijiet ta' aċċess lis-suġġetti tad-data, jew fl-ispeċifiku, kwistjonijiet prattiċi ta' proporzjonalità. Il-KEPD jiddispjaċih ukoll li m'hemm l-ebda obbligu għall-Kummissjoni li tippubblika l-mistoqsijiet u l-oqsma tad-data predefiniti fuq il-websajt tagħha, li kien iżid it-trasparenza u ċ-ċertezza legali.

## 2. IL-BAŻI LEGALI TAD-DEĊIŻJONI DWAR L-IMI

### Id-Deċiżjoni IDABC

12. Il-bażi legali tad-Deċiżjoni dwar l-IMI, kif imniżżla fid-deċiżjoni nnifisha, hija d-Deċiżjoni 2004/387/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-twassil interoperabbli ta' servizzi ta' e-Government pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini ("id-Deċiżjoni IDABC") [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha.

13. Id-Deċiżjoni IDABC innifisha hija strument fil-qafas tat-Titolu XV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("Trattat KE"): Netwerks trans-Ewropew. L-Artikolu 154 tat-Trattat KE jipprevedi li l-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fl-oqsma ta' l-infrastruttura tat-trasport, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija. Azzjoni bħal din għandha l-għan li tippromwovi l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà ta' netwerks nazzjonali kif ukoll l-aċċess għal netwerks bħal dawn. L-Artikolu 155 jelenka l-miżuri li l-Komunità tista' tadotta f'dan il-qafas. Dawn huma (i) linji gwida (ii) kwalunkwe miżura li tista' tirriżulta meħtieġa biex tkun żgurata l-interoperabbiltà tan-netwerks, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-i standardizzazzjoni teknika, u (iii) kif ukoll l-appoġġ ta' proġetti. Id-Deċiżjoni IDABC hija bbażata fuq l-Artikolu 156 (1), li jittratta l-proċedura ta' adozzjoni.

---

[1] ĠU L 144, 30.4.2004, kif ikkoreġut mill-ĠU L 181, 18.5.2004, p. 25.

14. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni IDABC jiddikjara inter alia li l-Komunità għandha timplimenta proġetti ta' interess komuni. Dawk il-proġetti għandhom ikunu inklużi fi programm kontinwu ta' ħidma u l-implimentazzjoni għandha ssir skond il-prinċipji ta' l-Artikolu 6 u 7 tad-Deċiżjoni IDABC. Dawk il-prinċipji jħeġġu prinċipalment parteċipazzjoni wiesgħa, jipprevedu proċedura soda u imparzjali u jipprevedu standardizzazzjoni teknika. Huma għandhom l-għan ukoll li jiżguraw l-affidabbiltà u l-fattibbiltà ekonomiċi tal-proġetti.

**Id-Direttiva dwar is-Servizzi u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali**

15. Kif spjegat qabel, fil-perijodu inizjali, is-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern ser tintuża għall-iskambju ta' data personali fil-kuntest ta' żewġ direttivi:

— id-Direttiva dwar is-Servizzi, u

— id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali.

16. L-Artikolu 34(1) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tipprevedi bażi legali speċifika għall-istabbiliment ta' sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, bħala miżura ta' akkumpanjament għall-finijiet tad-Direttiva. L-Artikolu 34(1) jaqra: "Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tistabbilixxi sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'kont meħud tas-sistemi eżistenti ta' informazzjoni".

17. Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali ma tipprevedix sistema elettronika speċifika għall-iskambju ta' informazzjoni iżda tirrikjedi b'mod ċar li tiġi skambjata informazzjoni taħt diversi mad-dispożizzjonijiet tagħha. Id-dispożizzjonijiet rilevanti li jagħtu awtorizzazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni jinkludu l-Artiku 56 tad-Direttiva, li jirrikjedi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib u biex jipprovdu assistenza reċiproka sabiex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 56 jipprevedi li ċerta informazzjoni sensittiva tiġi pproċessata waqt li tiġi irrispettata l-leġislazzjoni tal-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, l-Artikolu jipprovdi wkoll b'mod speċifiku li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-legalità ta' l-istabbiliment tal-fornitur tas-servizz u l-kondotta nadifa tiegħu, kif ukoll l-assenza ta' sanzjonijiet dixxiplinarji jew kriminali ta' natura professjonali. Fl-aħħarnett, l-Artikolu 50(2) jipprevedi li fil-każ ta' dubji ġġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru konferma ta' l-awtentiċità ta' l-attestazzjonijiet u evidenza ta' kwalifiki u taħriġ formali.

**Il-ħtieġa għal bażi legali adatta għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data**

18. Il-protezzjoni tad-data personali hija rikonoxxuta bħala dritt fundamentali fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni u fil-każistika abbażi ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("KEDB").

19. Skond l-Artikolu 1 tagħha, id-Deċiżjoni dwar l-IMI tispeċifika l-funzjonijiet, id-drittijiet u l-obbligi ta' l-atturi ta' l-IMI u l-utenti ta' l-IMI fir-rigward tal-ħtiġiet tal-protezzjoni tad-data. Mill-Premessa 7 l-KEPD jifhem li d-Deċiżjoni dwar l-IMI hija maħsuba bħala speċifikazzjoni ta' qafas Komunitarju ġenerali tal-protezzjoni tad-data taħt id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001. Hija tittratta speċifikament id-definizzjoni ta' kontrolluri u r-responsabbiltajiet tagħhom, il-perijodi għaż-żamma tad-data u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data. Id-Deċiżjoni dwar l-IMI, b'hekk, tittratta il-limitazzjonijiet/l-ispeċifikazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali u għandha l-għan li tispeċifika d-drittijiet suġġettivi taċ-ċittadini.

20. Abbażi tal-każistika taħt il-KEDB, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-istatus legali ta' dispożizzjonijiet li jirrestringu drittijiet fundamentali. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti fi strument legali, abbażi tat-Trattat KE, li jista' jkun invokat quddiem imħallef. Jekk le, ir-riżultat ikun inċertezza legali għas-suġġett tad-data minħabba li ma jistax jiddependi fuq il-fatt li jista' jinvoka r-regoli quddiem il-Qorti.

21. Il-kwistjoni ta' ċertezza legali hija anki aktar eminenti minħabba li taħt is-sistema tat-Trattat KE ser ikunu primarjament l-imħallfin nazzjonali li ser ikollhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu x'valur jagħtu lid-Deċiżjoni dwar l-IMI. Dan jista' jwassal għal eżiti differenti fi Stati Membri differenti u anki fi Stat Membru wieħed. Din l-inċertezza legali mhix aċċettabbli.

22. In-nuqqas ta' (sigurtà dwar) rimedju legali ikun fi kwalunkwe każ kontra l-Artikolu 6 tal-KEDB li jipprevedi d-dritt ta' proċess ġust, u l-każistika dwar dan l-Artikolu. F'sitwazzjoni bħal din, il-Komunità ma tkunx tissodisfa l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), li jeħtieġ li l-Unjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-KEDB.

**Imperfezzjonijiet tal-bażi legali magħżula**

23. Il-KEPD huwa mħasseb ħafna li bl-għażla ta' l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni IDABC bħala l-bażi legali tad-deċiżjoni, l-awturi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni setgħu ma ssodisfawx it-test taċ-ċertezza legali spjegat hawn fuq. Il-KEPD jelenka hawn taħt l-elementi li ġejjin, li jistgħu jqajmu dubji dwar l-adegwatezza ta' l-għażla tal-bażi legali tad-Deċiżjoni IMI:

— il-qafas tat-Titolu XV tat-Trattat KE, Netwerks Trans-Ewropej. Skond dan il-qafas il-Komunità Ewropea tista' tikkontribwixxi biex jiġu stabbiliti dawn in-netwerks, sabiex iċ-ċittadin Ewropew jibbenefika minn trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija aħjar, siguri u irħas ([1]). Huwa inċert jekk dan il-qafas hux maħsub ukoll għal netwerks bejn l-awtoritajiet pubbliċi, meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' atti leġislattivi kif inhu l-każ ta' l-IMI,

— il-miżuri previsti fit-Titolu XV tat-Trattat KE (l-Artikolu 155). Kif intqal qabel, dawn jikkonsistu fi (i) linji gwida (ii) kwalunkwe miżura li tista' tirriżulta meħtieġa biex tkun żgurata l-interoperabbiltà tan-netwerks, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni teknika, (iii) kif ukoll l-appoġġ ta' proġetti. Għalkemm l-artikolu mhux ċar kompletament — "kwalunkwe miżura" tista'

([1]) Ara l-White Paper tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir, il-Kompetittività u l-Impjiegi, (COM(93) 700 Fin).

tfisser kollox — din il-lista ta' miżuri possibbli tissuġġerixxi li l-objettivi tat-Titolu XV ser jinkisbu primarjament b'miżuri mhux leġislattivi. Il-KEPD enfasizza li f'dan il-kuntest it-terminu "kwalunkwe miżura" jirreferi b'mod partikolari għall-istandardizzazzjoni teknika,

— l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni IDABC għandu l-għan li jimplimenta proġetti ta' interess komuni speċifikati fil-programm kontinwu ta' ħidma. Is-sistema ta' l-IMI kienet stabbilita u ffinanzjata abbażi ta' dan il-Programm ta' Ħidma. Madankollu, il-KEPD mhux konvint li l-Artikolu 4 jista' jkun użat bħala bażi legali għal regoli dwar il-protezzjoni tad-data, waqt li jorbot lill-atturi ta' l-IMI u jipprevedi drittijiet suġġettivi għaċ-ċittadini,

— l-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni IDABC — imsemmijin fl-Artikolu 4 — jistabbilixxu prinċipji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni. Dawn il-prinċipji jittrattaw il-parteċipazzjoni, il-proċedura u l-istandardazzjoni teknika, kif ukoll l-affidabbiltà u l-fattibbiltà ekonomiċi tal-proġetti. M'humiex relatati mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, lanqas mal-prinċipji komparabbli l-oħrajn tal-liġi pubblika,

— il-proċedura tad-Deċiżjoni IDABC: Skond il-Premessa 30 tad-deċiżjoni għandhom jiġu adottati miżuri implimentattivi skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni ([1]). Dan jeħtieġ l-involviment ta' kumitat tal-'komitoloġija' b'rappreżentanti ta' l-Istati Membri. Il-Premessi tad-Deċiżjoni dwar l-IMI ma jirreferux għal kwalunkwe involviment ta' kumitat bħal dan. Safejn nafu aħna, ma kienx involut kumitat bħal dan,

— punt speċifiku ieħor huwa li d-Deċiżjoni dwar l-IMI hija indirizzata lill-Istati Membri. Għal din ir-raġuni u minkejja r-referenzi fid-Deċiżjoni dwar l-IMI għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u t-tismija tal-Kummissjoni fl-Artikolu 6 bħala attur ta' l-IMI, id-Deċiżjoni dwar l-IMI ma tistax tirrigwarda l-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni nnifisha.

### Soluzzjonijiet possibbli biex ikunu rrimedjati l-imperfezzjonijiet tal-bażi legali magħżula

24. Id-Deċiżjoni dwar l-IMI tinħtieġ bażi legali soda, għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq. Hemm dubji serji dwar jekk il-bażi legali tad-Deċiżjoni dwar l-IMI tissodisfax il-ħtieġa ta' ċertezza legali. Il-KEPD jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrikunsidra din il-bażi legali u tfittex soluzzjonijiet biex tirrimedja l-imperfezzjonijiet tal-bażi legali magħżula, b'konsegwenza possibbli li flok id-Deċiżjoni dwar l-IMI jidħol strument legali li jissodisfa l-ħtieġa ta' ċertezza legali.

25. F'dan il-kuntest, l-aktar soluzzjoni adatta tista' tkun il-possibbiltà li jiġi adottat strument legali separat għas-sistema ta' l-IMI, mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, simili għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-bażijiet tad-data ta' l-IT fuq skala kbira.

26. Il-KEPD jissuġġerixxi li tiġi analizzata din l-għażla. Dan l-istrument legali sseparat jista' mbagħad jittratta l-funzjonijiet, id-drittijiet u l-obbligi ta' l-atturi ta' l-IMI u l-utenti ta' l-IMI fir-rigward ta' ħtiġiet tal-protezzjoni tad-data u wkoll ħtiġiet oħrajn relatati ma' l-istabbiliment u l-funzjonament tas-sistema ta' l-IMI.

27. Għażla oħra tista' tkun dik li tinstab bażi legali fl-istrumenti differenti tas-suq intern. Safejn id-Deċiżjoni dwar l-IMI tapplika għall-iskambju ta' data personali fil-kuntest tad-Direttiva dwar is-Servizzi, għandu jiġi analizzat aktar jekk din id-direttiva nnifisha — b'mod partikolari, l-Artikolu 34 — tistax tipprevedi l-bażi legali meħtieġa. Safejn id-Deċiżjoni dwar l-IMI tapplika għall-iskambju ta' data personali fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Personali, approċċ simili jista' jaħdem ukoll: tista' wkoll tinħoloq bażi legali speċifika u ċara, billi tiġi emendata d-Direttiva nnifisha.

28. Fir-rigward ta' aktar leġislazzjoni tas-suq intern li tista', fil-ġejjieni, teħtieġ skambji ta' informazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, tista' tiġi adottata bażi legali speċifika f'leġislazzjoni ġdida speċifika bħal din.

## 3. OSSERVAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAD-DEĊIŻJONI DWAR L-IMI

29. F'din it-taqsima ta' l-opinjoni, il-KEPD iddiskuta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-aspetti tal-protezzjoni tad-data ta' l-IMI, kif inhuma inklużi fid-Deċiżjoni dwar l-IMI. Is-suġġerimenti tal-KEPD jistgħu jkunu inklużi fi strument legali ġdid li jissostitwixxi d-Deċiżjoni dwar l-IMI kif propost hawn fuq. Madankollu, fin-nuqqas ta' strument ġdid bħal dan is-suġġerimenti jistgħu jkunu inklużi fid-Deċiżjoni dwar l-IMI nnifisha wara li tiġi emendata d-Deċiżjoni.

30. Barra minn hekk, uħud mis-suġġerimenti diġà jistgħu jkunu applikati fil-prattika mill-atturi ta' l-IMI, mingħajr ma tiġi emendata d-deċiżjoni. Il-KEPD jistenna li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti f'din l-Opinjoni ta' l-anqas fuq il-livell operattiv, safejn huma jirrigwardaw l-attivitajiet tal-Kummissjoni bħala attur ta' l-IMI, u b'hekk soġġetti għas-superviżjoni tal-KEPD.

### Artikolu 2 — Oqsma tad-data predefiniti: trasparenza u proporzjonalità

31. Il-KEPD jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-ewwel sett ta' mistoqsijiet u oqsma tad-data oħrajn predefiniti fil-websajt ta' l-IMI. Dawn jirrigwardaw skambji ta' informazzjoni taħt id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali.

32. Biex din il-prattika tajba ssir obbligu ċar fuq il-Kummissjoni, u b'hekk tiżgura u ttejjeb aktar it-trasparenza, il-KEPD jirrakkomanda li strument legali għall-IMI jipprevedi obbligu biex il-Kummissjoni tippubblika l-mistoqsijiet u l-oqsma tad-data l-oħrajn predefiniti fil-websajt ta' l-IMI.

([1]) ĠU L 184, 29.12.2006, p. 23.

33. Rigward il-proporzjonalità, strument legali għall-IMI għandu jispeċifika li l-mistoqsijiet u l-oqsma tad-data l-oħrajn predefiniti jridu jkunu adegwati, rilevanti, u mhux eċċessivi. Barra minn hekk, il-KEPD għandu żewġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi rigward il-proporzjonalità:

— speċifikazzjoni ċara li l-IMI mhix intiża biex tintuża regolarment għall-kontrolli tal-kondotta fuq professjonisti u fornituri ta' servizzi li jkunu emigraw iżda biss f'każ li tippermettih il-leġislazzjoni applikabbli u fejn hemm dubji raġonevoli (i) fir-rigward ta' l-awtentiċità ta' l-informazzjoni ipprovduta mill-fornitur tas-servizz migranti lill-Awtorità Kompetenti fl-Istat Membru Ospitanti jew (ii) fir-rigward ta' l-eliġibbiltà tiegħu/tagħha għall-istabbiliment jew l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu/tagħha fl-Istat Membru ospitanti,

— sabiex tiġi mminimizzata t-trasmissjoni mhux meħtieġa ta' data sensittiva iżda mhux dejjem rilevanti, id-dispożizzjoni li tistabbilixxi li kull meta informazzjoni dwar rekord kriminali attwali mhix strettament meħtieġa li tkun ittrasferita, mistoqsijiet u t-tweġibiet predefiniti fl-interfaċċja ta' l-IMI m'għandhomx jinkludu talba għal rekords kriminali u għandhom ikunu fformulati b'mod differenti, b'mod li tiġi mminimizzata l-kondiviżjoni ta' data sensittiva. Per eżempju, l-Awtorità Kompetenti ta' pajjiż ospitanti tista' tkun issodisfatta bl-għarfien li avukat migranti huwa legalment irreġistrat u għandu reputazzjoni tajba fl-assoċjazzjoni ta' l-avukatura tal-pajjiż ta' appartenenza tiegħu u m'għandhiex il-ħtieġa li tkun taf jekk għandux reat tat-traffiku tat-triq fir-rekord kriminali tiegħu, jekk dak ma jwaqqfux milli jaħdem bħala avukat fil-pajjiż ta' appartenenza tiegħu.

### Artikolu (3)(2) — Kontroll konġunt u allokazzjoni tar-responsabbiltajiet

34. L-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni dwar l-IMI mhix ċara u hija ambigwa. Il-KEPD jirrikonoxxi li għandu mnejn ma jkunx fattibbli li fid-Deċiżjoni dwar l-IMI kull operazzjoni unika ta' l-ipproċessar titfassal b'mod speċifiku u tiġi allokata r-responsabbiltà għal kull operazzjoni lill-Kummissjoni jew lil Awtorità Kompetenti partikolari fi Stat Membru partikolari. Madankollu, ta' l-anqas fir-rigward ta' l-aktar obbligi importanti tal-protezzjoni tad-data ta' kontrollur, kellha tingħata ftit gwida fid-Deċiżjoni dwar l-IMI.

35. B'mod partikolari, il-KEPD jirrakkomanda li l-istrument legali għall-IMI jispeċifika li:

— kull koordinatur ta' l-Awtorità Kompetenti u l-IMI huwa kontrollur fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' l-ipproċessar tad-data tiegħu stess bħala utent tas-sistema,

— il-Kummissjoni mhix utent, iżda l-operatur tas-sistema, u hija responsabbli, l-ewwel u qabel kollox, għall-operazzjoni teknika, għaż-żamma, u għall-iżgurar tas-sigurtà ġenerali tas-sistema, u li

— l-atturi ta' l-IMI jikkondividu r-responsabbiltajiet fir-rigward ta' l-obbligu tan-notifika, u l-provvediment tad-drittijiet ta' aċċess, oġġezzjonijiet, u rettifiki fil-mod deskritt fil-paragrafi (li għadhom kif iddaħħlu), kif diskussjoni taħt l-intestaturi ta' hawn taħt.

### Avviż lis-suġġetti tad-data

36. Il-KEPD jirrakkomanda li għandu jiddaħħal paragrafu ġdid fi strument legali għall-IMI biex jiġu allokati responsabbiltajiet għal obbligu ta' avviż fost il-kontrolluri konġunti wara approċċ "stratifikat". B'mod partikolari, it-test għandu jispeċifika dan li ġej:

— l-ewwel, il-Kummissjoni, fuq il-paġna webb tagħha ddedikata għall-IMI, għandha tipprovdi avviż ta' privatezza komprensiv inklużi l-punti kollha meħtiġin taħt l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament 45/2001 f'lingwaġġ ċar u sempliċi. Il-KEPD irrakkomanda li l-avviż m'għandux ikopri biss l-operazzjonijiet limitati ta' l-ipproċessar tal-Kummissjoni fir-rigward ta' data li hija għandha aċċess għaliha (data personali ta' utenti ta' l-IMI) iżda għandu jkun ukoll ipprovdut avviż ġenerali fir-rigward ta' l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti fl-Istati Membri differenti, li huwa l-għan tal-bażi tad-data,

— it-tieni, u addizzjonalment, kull Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi avviż ta' privatezza fil-paġna webb tagħha. L-avviż ta' privatezza għandu jinkludi referenza u kollegament għall-avviż ta' privatezza tal-Kummissjoni u aktar dettalji speċifiċi għal dik l-awtorità partikolari jew l-Istati Membru. Kwalunkwe limitazzjoni speċifika għal kull pajjiż dwar id-drittijiet ta' aċċess jew informazzjoni trid, per eżempju, tkun stipulata f'dawn l-avviżi. L-obbligu ta' l-avviż jista' jkun ikkoordinat mill-uffiċċju ta' kollegament uniku bejn l-Awtoritajiet Kompetenti f'pajjiż speċifiku,

— it-tielet, u fl-aħħarnett, l-avviż għandu jingħata lis-suġġetti tad-data direttament, b'mezzi differenti mill-avviż ta' privatezza fil-websajt, sa mhux aktar tard mill-mument ta' l-uploading tad-data personali, u sakemm ma tkunx applikata restrizzjoni. Approċċ irrakkomandat jista' jkun l-inklużjoni ta' referenza qasira għall-IMI u kollegament għall-avviżi ta' privatezza rilevanti fuq l-Internet fi kwalunkwe korrispondenza li l-Awtoritajiet Kompetenti jiskambjaw mas-suġġett tad-data (normalment il-fornitur tas-servizz jew professjonist migranti).

### Drittijiet ta' aċċess, oġġezzjoni, u rettifika

37. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li għandu jiddaħħal paragrafu ġdid, sabiex:

— ikun speċifikat lil min is-suġġetti tad-data għandhom jindirizzaw it-talba ta' aċċess, l-oġġezzjoni, jew it-talba għal rettifika tagħhom,

— ikun speċifikat liema Awtorità Kompetenti ser tkun kompetenti biex tiddeċiedi dwar dawn it-talbiet, u

— tkun stipulata proċedura fil-każ li s-suġġett tad-data jippreżenta t-talba tiegħu/tagħha lil attur ta' l-IMI li m'għandux il-kompetenza li jiddeċiedi dwar dawn it-talbiet.

38. Barra minn hekk, għandu jkun speċifikat li l-Kummissjoni tista' tipprovdi biss aċċess għal data li l-Kummissjoni nnifisha għandha aċċess għaliha. Għalhekk, il-Kummissjoni mhix ser tkun taħt obbligu li tipprovdi aċċess għal skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti. Jekk suġġett tad-data madankollu jmur fuq il-Kummissjoni b'talba bħal din, il-Kummissjoni teħtieġ tiddirieġi lis-suġġetti tad-data, mingħajr dewmien mhux debitu, lill-awtoritajiet li għandhom aċċess għall-informazzjoni u tagħti parir lis-suġġett tad-data kif meħtieġ.

## Artikolu 4 — Iż-żamma ta' data personali tas-suġġetti tad-data ta' l-iskambji ta' informazzjoni

39. L-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni dwar l-IMI tipprevedi perijodu ta' ħżin ta' data ta' sitt xhur sa mill-"għeluq formali" ta' l-iskambju ta' informazzjoni.

40. Il-KEPD jifhem li l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom mnejn jeħtieġu xi flessibbiltà fiż-żamma tad-data minħabba l-fatt li lil hinn mill-mistoqsija u t-tweġiba inizjali, jista' jkun hemm mistoqsijiet ta' segwitu rigward l-istess każ bejn l-Awtoritajiet Kompetenti. Tabilħaqq, matul it-tħejjija ta' l-Opinjoni tal-GĦ29, il-Kummissjoni spjegat li l-proċeduri amminsitrattivi li fil-qafas tagħhom jistgħu jkunu meħtieġa skambji ta' informazzjoni jitlestew normalment fi ftit xhur u l-perijodu ta' żamma ta' sitt xhur kien imfassal biex jippermetti flessibbiltà għal kwalunkwe dewmien mhux mistenni.

41. B'konsiderazzjoni ta' dak li ntqal, u abbażi ta' l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-KEPD jiddubita jekk hemmx raġuni leġittima biex id-data fl-IMI tinżamm għal sitt xhur oħra wara l-għeluq formali ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni. Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda li l-iskadenza ta' sitt xhur għal tħassir awtomatiku għandha tibda sa mid-data meta l-awtorità rikjedenti l-ewwel darba tikkuntattja l-kontroparti tagħha fi kwalunkwe skambju ta' informazzjoni speċifiku. Tabilħaqq, approċċ aħjar ikun dak li tiġi stabbilta data ta' tħassir awtomatiku skond it-tipi differenti ta' skambji ta' informazzjoni (l-iskadenzi dejjem jingħaddu mill-bidu ta' l-iskambju). Per eżempju, filwaqt li perijodu ta' żamma ta' sitt xhur jista' jkun adatt għal skambji ta' informazzjoni taħt id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, jista' ma jkunx neċessarjament adatt għal skambji ta' informazzjoni oħrajn f'leġislazzjoni futura tas-suq intern.

42. Il-KEPD iżid ukoll li kemm-il darba ma jittiħidx kont tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, ta' l-inqas, għandu jkun iċċarat xi jfisser "għeluq formali" ta' skambju ta' informazzjoni. B'mod partikolari, għandu jkun żgurat li l-ebda data ma tkun tista' tibqa' fil-bażi tad-data aktar fit-tul milli meħtieġ sempliċiment minħabba l-fatt li awtorità kompetenti tonqos milli "tagħlaq il-każ".

43. Barra minn hekk, il-KEDP jirrakkomanda li fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 4, il-loġika tat-tħassir-żamma għandha ssir żamma-tħassir. Il-Kummissjoni għandha tonora talbiet ta' tħassir fi żmien 10 ijiem ta' xogħol fi kwalunkwe każ sew jekk l-Awtorità Kompetenti l-oħra fl-iskambu ta' l-informazzjoni tkun tixtieq iżżomm l-informazzjoni dwar l-IMI sew jekk le. Madankollu, għandu jkun hemm mekkaniżmu awtomatizzat li jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti l-oħra, sabiex ma titlifx id-data u tkun tista', jekk trid hekk, tniżżel jew tipprintja l-informazzjoni u taħżinha għall-finjiet tagħha stess barra l-IMI u soġġett għar-regoli tal-protezzjoni tad-data tagħha stess. Perijodu ta' avviz ta' għaxart ijiem jidher raġjonevoli kemm bħala skeda stabbilta ta' żmien minimu kif ukoll massimu. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tħassar informazzjoni qabel din l-iskadenza ta' għaxart ijiem biss jekk iż-żewġ awtoritajiet jikkonfermaw ix-xewqa tagħhom għat-tħassir.

### Miżuri ta' sigurtà

44. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll l-ispeċifikazzjoni li miżuri ta' sigurtà, meħuda mill-Kummissjoni jew mill-Awtoritajiet Kompetenti, għandhom jittieħdu skond l-aħjar prattika fl-Istati Membri.

### Superviżjoni konġunta

45. Minħabba li l-iskambji ta' informazzjoni taħt l-IMI huma soġġetti għal liġijiet nazzjonali multipli tal-protezzjoni tad-data u għas-superviżjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali multipli għall-protezzjoni tad-data (barra mill-applikabbiltà tar-Regolament (KE) nru 45/2001 u l-awtorità ta' superviżjoni tal-KEPD għal ċerti aspetti ta' l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar), il-KEPD jirrakkomanda li l-istrument legali għall-IMI għandu wkoll jipprovdi dispożizzjonijiet ċari li jiffaċilitaw is-superviżjoni konġunta ta' l-IMI mill-awtoritajiet diversi tal-protezzjoni tad-data involuti. Is-superviżjoni konġunta tista' titfassal fl-istess mod ta' l-istrumenti legali dwar l-istabbiliment, l-operat u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ([1]).

## 4. KONKLUŻJONIJIET

46. Il-KEPD tappoġġja l-għanijiet tal-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni u fir-regolamentazzjoni ta' l-aspetti tal-protezzjoni tad-data tagħha.

47. Id-Deċiżjoni dwar l-IMI tinħtieġ bażi legali soda, għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq. Il-KEPD tirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrikunsidra l-għażla tagħha ta' bażi legali u tfittex soluzzjonijiet biex tirrimedja l-imperfezzjonijiet tal-bażi legali magħżula, b'konsegwenza possibbli li flok id-Deċiżjoni dwar l-IMI jidħol strument legali li jissodisfa l-ħtieġa ta' ċertezza legali.

48. Bħala l-aktar soluzzjoni soda u aħħarija, il-KEPD jissuġġerixxi l-analiżi tal-possibbiltà li jiġi adottat strument legali sseparat għas-sistema ta' l-IMI, fil-livell tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew, simili għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-bażijiet tad-data ta' l-IT fuq skala kbira.

([1]) Ara l-Artikoli 44-46 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4) u l-Artikoli 60-62 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

49. Alternattivament, jista' jkun analizzat jekk l-Artikolu 34 tad-Direttiva dwar is-Servizzi u dispożizzjonijiet simili li għad iridu jiġu adottati fir-rigward ta' leġislazzjoni oħra tas-suq intern jistax jipprevedi l-bażi legali meħtieġa.

50. Barra minn hekk, l-Opinjoni tipprovdi għal għadd ta' suġġerimenti dwar id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-aspetti tal-protezzjoni tad-data ta' l-IMI, li għandhom jiġu inklużi fi strument legali ġdid li jissostitwixxi d-Deċiżjoni dwar l-IMI kif propost hawn fuq jew, fin-nuqqas ta' strument ġdid bħal dan għandhom jiġu inklużi fid-Deċiżjoni dwar l-IMI nnifisha, wara li tiġi emendata d-deċiżjoni.

51. Ħafna mis-suġġerimenti issa diġà jistgħu jkunu applikati fil-prattika mill-atturi ta' l-IMI, mingħajr ma tiġi emendata d-Deċiżjoni. Il-KEPD jistenna li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti f'din l-Opinjoni ta' l-anqas fuq il-livell operattiv, safejn hu possibbli u safejn huma jirrigwardaw l-attivitajiet tal-Kummissjoni bħala attur ta' l-IMI.

52. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirrigwardaw it-trasparenza u l-proporzjonalità, il-kontroll konġunt u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, l-avviż għas-suġġetti tad-data, id-drittijiet ta' aċċess, oġġezzjoni, u rettifika, iż-żamma tad-data, il-miżuri ta' sigurtà u s-superviżjoni konġunta.

Magħmul fi Brussell, fit-22 ta' Frar 2008.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti

(2008/C 270/02)

### 1. INTRODUZZJONI

(1) Il-kriżi finanzjarja globali sserjat sew u issa qed ikollha effett kbir fuq is-settur bankarju tal-UE. Lil hinn minn problemi speċifiċi marbuta b'mod partikolari mas-suq tas-self għad-djar fl-Istati Uniti, u assi marbuta ma' dan is-self, jew telf marbut li ġej minn strateġiji riskjużi żżejjed li ġew segwiti minn banek individwali, fil-ġimgħat li għaddew kien hemm tnawwir ġenerali ta' fiduċja fi ħdan is-settur bankarju. In-nuqqas ta' ċertezza li jidher kullimkien dwar ir-riskju ta' kreditu ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali nixxef is-suq tas-self bejn il-banek u għaldaqstant ġab sitwazzjoni fejn l-aċċess għal-likwidità saret ftit ftit dejjem aktar diffiċli għal istituzzjonijiet finanzjarji b'mod ġenerali.

(2) Is-sitwazzjoni preżenti hija ta' theddida għall-eżistenza ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali bi problemi li huma riżultat tal-mudell ta' negozju partikolari tagħhom, jew prattiċi ta' negozju li d-dgħufijiet tiegħu huma esposti u mkabbra mill-kriżi fis-swieq finanzjarji. Jekk istituzzjonijiet bħal dawn għandhom jinġiebu lura fuq it-triq tal-vijabbiltà għat-tul, u mhux stralċati, jeħtieġ li jsir ristrutturar tal-operazzjonijiet tagħhom li jkollu għanijiet wiesgħa. Fiċ-ċirkostanzi li jeżistu bħalissa, il-kriżi qed taffettwa l-istituzzjonijiet finanzjarji li huma fundamentalment sodi u li d-diffikultajiet tagħhom ħerġin biss mill-kundizzjonijiet ġenerali tas-suq li rrestringa ħafna l-aċċess għal-likwidità. Il-vijabbiltà għat-tul ta' dawn l-istituzzjonijiet tista' tkun teħtieġ ristrutturar anqas sostanzjali. Ikun xi jkun il-każ, madankollu, il-miżuri meħuda mill-Istat Membru biex jgħinu (ċerti) istituzzjonijiet li qed joperaw fi ħdan is-suq finanzjarju nazzjonali tagħhom jistgħu jiffavorixxu dawn l-istituzzjonijiet għad-dannu ta' oħrajn li joperaw fi ħdan dak l-Istati Membru jew f'Stati Membri oħra.

Fil-11 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5201. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5321 — LAHC/Barclays Life)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 270/06)

Fil-15 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5321. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro [1]

## L-24 ta' Ottubru 2008

(2008/C 270/07)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2596 | TRY | Lira Turka | 2,1434 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 117,4 | AUD | Dollaru Awstraljan | 2,0506 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4565 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5994 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,8061 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,7632 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,9815 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,2829 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,4566 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,9011 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 305 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 833,98 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,8 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,01 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,6198 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,995 | HRK | Kuna Kroata | 7,2377 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 864,29 |
| HUF | Forint Ungeriż | 277 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,5106 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 61,49 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7097 | RUB | Rouble Russu | 34,3035 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,8675 | THB | Baht Tajlandiż | 43,702 |
| RON | Leu Rumen | 3,675 | BRL | Real Brażiljan | 2,9916 |
| SKK | Krona Slovakka | 30,505 | MXN | Peso Messikan | 17,4455 |

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 270/08)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 198/08 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | — |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Unternehmerkapital — KfW Kapital für Arbeit und Investitionen (KMU-Fenster der Fremdkapitaltranche) |
| Bażi legali | KfW-Gesetz, Merkblatt zum KfW-Unternehmerkapital- KfW Kapital für Arbeit und Investitionen (Anlage 1) |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 162 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.7.2008 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | Mingħajr limitu |
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għall-għajnuna għall-intrapriżi żgħar jew medji |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li taghti l-għajnuna | KfW-Bankengruppe<br>Palmengartenstraße 5-9<br>D-60325 Frankfurt |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 227/08 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | La Rioja |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Bases Reguladoras de la concesión de subvenciones destinadas a la bonificación de intereses de préstamos y contratos de arrendamiento financiero para financiar inversiones empresariales realizadas por pequeñas y medianas empresas |
| Bażi legali | Orden 13/2008, de 3 de junio de 2008 de la Consejería de Industria, Innovación y Empleo, por la que se aprueban las bases reguladoras de la concesión de subvenciones por la Agencia de Desarrollo Económico de La Rioja destinadas a la bonificación de intereses de préstamos y contratos de arrendamiento financiero para financiar inversiones empresariales realizadas por pequeñas y medianas empresas, en régimen de concurrencia competitiva. (B.O.R. nº 75/2008, de 7 de junio) |

| | |
|---|---|
| Tip ta’ miżura | Skema ta’ għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 0,8 miljun |
| Intensità massima ta’ l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta’ l-implimentazzjoni | 7.6.2008 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta’ għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Objettiv ta’ l-għajnuna | Impriżi ta’ daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għall-għajnuna għall-intrapriżi żgħar jew medji |
| Isem u indirizz ta’ l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Agencia de Desarrollo Económico de La Rioja<br>C/Muro de la Mata 13-14<br>E-26071 Logroño (La Rioja)<br>Dirección Internet publicación régimen de ayuda:<br>http://www.larioja.org/npRioja/default/defaultpage.jsp?idtab=449883 |

**Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 270/09)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 111/08 |
| Stat Membru | L-Awstrija |
| Reġjun | — |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | proVISION_Vorsorge für Natur und Gesellschaft: zweite Ausschreibung |
| Bażi legali | Forschungsprogramm proVISION_Vorsorge für Natur und Gesellschaft: zweite Ausschreibung |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 2,7 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 5.2008 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 30.6.2008 |
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Servizzi oħra |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Bundesministerium für Wissenschaft und Forschung<br>Minoritenplatz 5<br>A-1014 Wien |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 184/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Lazio |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Aiuti alle piccole e medie imprese per la ricerca industriale e lo sviluppo precompetitivo nell'ambito del Distretto Tecnologico delle Bioscienze |
| Bażi legali | Delibera CIPE 27.5.2005, n. 35<br>— Deliberazione Giunta Regionale 21.3.2008, n. 193 «Approvazione dello schema del II Accordo integrativo dell'Accordo di Programma Quadro Ricerca, Innovazione tecnologica, Reti Telematiche — Stralcio APQ6 Costituzione di un Distretto Tecnologico delle Bioscienze …»<br>— Determinazione del Direttore del Dipartimento Economico e Occupazionale, n. 1101 del 20 maggio 2008, pubblicata sul BURL del 28.5.2008 |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 10 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 25.5.2008 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2008 |

| | |
|---|---|
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Riċerka u żvilupp esperimentali dwar bioteknoloġija |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Regione Lazio — Direzione Regionale Sviluppo economico, Ricerca, Innovazione e Turismo<br>Via Rosa Raimondi Garibaldi, 7<br>I-00145 Roma |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 200/08 |
| Stat Membru | L-Awstrija |
| Reġjun | Vorarlberg |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Interreg IV Alpenrhein-Bodensee-Hochrhein<br>Aktionsfeld 1.1: Regionale Wettbewerbsfähigkeit und Innovation<br>Aktionsfeld 1.2: Förderung von Innovation und Wissenstransfer<br>Aktionsfeld 3: Förderung des Humankapitals und der Grenzüberschreitenden Mobilität<br>Aktionsfeld 2.1: Förderung der Standortattraktiviät |
| Bażi legali | Interreg IV Programm Alpenrhein-Bodensee-Hochrhein |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 2 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.7.2008 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2008 |
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għall-għajnuna għall-intrapriżi żgħar jew medji |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Land Vorarlberg im Auftrag der Programmpartner<br>Landhaus/Römerstr. 15<br>A-6900 Bregenz |

# Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat għax-xogħol

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 270/10)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XE 25/08 |
| Stat Membru | Il-Latvja |
| Reġjun | — |
| Titlu ta' l-iskema ta' l-għajnuna | Atbalstītās nodarbinātības pasākumi mērķgrupu bezdarbniekiem |
| Bażi legali | Latvijas Republikas Ministru kabineta 2008. gada 8. aprīļa noteikumi Nr. 258 "Noteikumi par darbības programmas "Cilvēkresursi un nodarbinātība" papildinājuma apakšaktivitāti "Atbalstītās nodarbinātības pasākumi mērķgrupu bezdarbniekiem"" |
| L-Estimi | Baġit annwali: LVL 0,54 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(5) 5 u 6 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.8.2008 |
| Tul ta' l-iskema | 30.12.2013 |
| L-objettiv ta' l-għajnuna | Impjiegi |
| Is-Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha tal-Komunità ([1]) eliġibbli għal għajnuna għall-impjieg |
| L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Nodarbinātības valsts aģentūra<br>K. Valdemāra iela 38k-1<br>LV-1010 Rīga |

([1]) Bl-eċċezzjoni tas-settur tal-bini tal-vapuri u setturi oħrajn suġġetti għal regoli speċjali f'regolamenti u direttivi li jirregolaw l-għajnuna statali fi ħdan is-settur.

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XE 34/08 |
| Stat Membru | L-Awstrija |
| Reġjun | Vorarlberg |
| Titlu ta' l-iskema ta' l-għajnuna | Interreg IV Programm Alpenrhein-Bodensee-Hochrhein; Interreg IV Alpenrhein-Bodensee-HochrheinAktionsfeld 1.1: Regionale Wettbewerbsfähigkeit und Innovation<br>Aktionsfeld 1.2: Förderung von Innovation und Wissenstransfer<br>Aktionsfeld 1.3: Förderung des Humankapitals und der Grenzüberschreitenden Mobilität<br>Aktionsfeld 2.1: Förderung der Standortattraktiviät |
| Bażi legali | Interreg IV Programm Alpenrhein-Bodensee-Hochrhein |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 2 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(5) 5 u 6 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.7.2008 |

| | |
|---|---|
| Tul ta' l-iskema | 31.12.2008 |
| L-objettiv ta' l-għajnuna | Art. 4: Ħolqien ta' xogħol; Art. 5: Reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati u b'diżabilità |
| Is-Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha tal-Komunità (1) eliġibbli għal għajnuna għall-impjieg |
| L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Land Vorarlberg im Auftrag der Programmpartner<br>Landhaus/Römerstraße 15<br>A-6900 Bregenz |

(1) Bl-eċċezzjoni tas-settur tal-bini tal-vapuri u setturi oħrajn suġġetti għal regoli speċjali f'regolamenti u direttivi li jirregolaw l-għajnuna statali fi ħdan is-settur.

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 270/11)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 78/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Sardegna |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc* | Contratto di investimento per le PMI operanti nei settori dell'industria, dell'artigianato e dei servizi |
| Bażi legali | Legge regionale n. 7/2005 «Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale della Regione», articolo 11 e s.m.i.;<br>Direttive di attuazione approvate con Deliberazione della Giunta Regionale n. 20/16 del 1.4.2008 «Strumenti di incentivazione ai sensi dell'articolo 11 della L. R. n. 7/2005» e s.m.i., articoli 6-9 |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | EUR 17,5 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 25 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.4.2008 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Regione Autonoma della Sardegna<br>Assessorato alla Programmazione, Bilancio, Credito e Assetto del territorio<br>Centro Regionale di Programmazione<br>Viale Mameli 88<br>I-09100 Cagliari |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | http://www.regione.sardegna.it<br>http://www.regione.sardegna.it/j/v/66?v=9&c=27&c1=&n=10&s=1&mese=200804&p=10 |
| Tagħrif iehor | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 100/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Campania |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc* | Contratto di programma regionale |
| Bażi legali | Legge regionale 12/07, regolamento n. 4/2007, Disciplinare articoli 11 e 12, Delibera Giunta Regionale n. 514 del 21 marzo 2008, Decreto dirigenziale n. 217 del 17 aprile 2008 |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |

| | |
|---|---|
| Baġit annwali | EUR 49,3 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 30 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 19.6.2008 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Limitat għal setturi speċifiċi |
| | NACE: D, G, H, I 63.3, K74 |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Regione Campania<br>AGC 12 Sviluppo Economico<br>1) Settore Programmazione delle Politiche per lo Sviluppo Economico<br>2) Settore Aiuti alle imprese e sviluppo insediamenti produttivi<br>3) Settore Regolazione dei Mercati<br>AGC 13 Turismo e Beni Culturali<br>4) Settore Strutture Ricettive ed Infrastrutture Turistiche<br>Centro Direzionale Isola A/6<br>I-80143 Napoli |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | http://www.economiacampania.net/index001.php?part=articolo&ida=345 |
| Tagħrif ieħor | — |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# KUMMISSJONI

## Avviż ta' tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjoni ta' etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika

(2008/C 270/12)

Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ([1]) tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ dwar l-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika, ("il-pajjiż ikkonċernat"), il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") ([2]).

### 1. It-talba għal reviżjoni

L-ilment tressaq fil-25 ta' Marzu 2008 mill-produtturi tal-Komunità li ġejjin: BASF SE/AG, INEOS Oxide Ltd, Sasol Germany GmbH, Akzo Nobel Functional Chemicals AB ("l-applikanti") li jirrappreżentaw proporzjon ewlieni, f'dan il-każ aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità tal-etanolamini.

### 2. Il-prodott

Il-prodott taħt reviżjoni huwa l-etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika ('il-prodott ikkonċernat'), li bħalissa huma klassifikabbli fi ħdan il-kodiċijiet NM 2922 11 00, ex 2922 12 00 u 2922 13 10. Dawn il-kodiċi NM qed jingħataw biss bħala tagħrif.

### 3. Il-miżuri eżistenti

Il-miżuri li hemm bħalissa fis-seħħ huma dazju definittiv tal-anti-dumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1583/2006 ([3]).

### 4. Ir-raġunijiet għar-reviżjoni

It-talba hija bbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri aktarx se twassal għal kontinwazzjoni jew ripetizzjoni ta' dumping u ħsara għall-industrija tal-Komunità.

L-allegazzjoni tal-kontinwazzjoni tad-dumping hija bbażata fuq tqabbil tal-valur normali, stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet domestiċi, mal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità.

Fuq din il-bażi, il-marġini ta' dumping ikkalkulat huwa sinifikanti.

L-applikant jallega wkoll il-probabbiltà ta' aktar ħsara b'riżultat ta' dan id-dumping. Fid-dawl ta' dan, l-applikant qed jippreżenta evidenza li tindika li, kemm-il darba il-miżuri jitħallew jiskadu, il-livell tal-importazzjoni attwali tal-prodott ikkonċernat aktarx jikber minħabba l-investimenti riċenti fil-kapaċità ta' produzzjoni fil-pajjiż ikkonċernat.

Huwa wkoll allegat li l-fluss tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat aktarx jiżdied minħabba l-miżuri li hemm fis-seħħ fis-swieq tradizzjonali barra mill-UE (eż. l-Ażja, l-Amerka t'Isfel). Dan kollu jista' jwassal biex esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn jerġgħu jiġu diretti lejn il-Komunità.

Barra minn hekk, l-applikant jallega li s-sitwazzjoni mtejba fir-rigward tal-ħsara hija fil-biċċa l-kbira dovuta għall-eżistenza ta' miżuri, u li kull rikorrenza ta' importazzjonijiet sostanzjali bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat aktarx twassal għal rikorrenza ta' ħsara lill-industrija Komunitarja kemm-il darba l-miżuri jitħallew jiskadu.

### 5. Proċedura

Wara li stabbiliet, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed provi biex tkun iġġustifikata t-tnedija ta' reviżjoni ta' skadenza, il-Kummissjoni b'dan tagħti bidu għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU C 71, 18.3.2008, p. 13.
([2]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 294, 25.10.2006, p. 2.

### 5.1. *Il-proċedura biex tiġi stabbilita l-probabbiltà ta' dumping u ħsara*

L-investigazzjoni se tistabbilixxi jekk hux probabbli li l-iskadenza tal-miżuri twassal għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza ta' dumping u ħsara.

(a) *Il-kwestjonarji*

Biex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-industrija tal-Komunità u lil kwalunkwe assoċjazzjoni ta' produtturi fil-Komunità, lill-esportaturi/produtturi fl-Istati Uniti tal-Amerika, lil kwalunkwe assoċjazzjoni ta' esportaturi/produtturi, lill-importaturi, lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi, u lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni kkonċernat.

(b) *Ġbir ta' informazzjoni u smigħ ta' seduti*

Il-partijiet kollha interessati huma b'dan mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, jibagħtu informazzjoni barra mit-tweġibiet għall-kwestjonarju u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Din l-informazzjoni u din l-evidenza ta' sostenn għandha tasal għand il-Kummissjoni fiż-żmien stipulat fil-punt 6(b).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li dawn jagħmlu talba fejn juru li hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu. Din it-talba għandha ssir fiż-żmien stipulat fil-punt 6(c).

### 5.2. *Proċedura għall-valutazzjoni tal-interess Komunitarju*

B'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku u fil-każ fejn il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara tkun ikkonfermata, għandu jkun stabbilit jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping kif inhuma hijiex se tkun kontra l-interess Komunitarju. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni tista' tibgħat kwestjonarji lill-industrija magħrufa tal-Komunità, l-importaturi, l-għaqdiet rappreżentanti tagħhom, l-utenti rappreżentanti u l-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-konsumatur. It-tali partijiet, inklużi dawk li mhumiex magħrufa mill-Kummissjoni, sakemm ikollhom x'juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attività tagħhom u l-prodott ikkonċernat, jistgħu, fi ħdan il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-punt 6(b), jippreżentaw ruħhom u jipprovdu lill-Kummissjoni b'tagħrif. Il-partijiet li jkunu aġixxew f'konformità mas-sentenza preċedenti jistgħu jitolbu seduta ta' smigħ, filwaqt li jfissru r-raġunijiet partikolari għala għandhom jinstemgħu, fiż-żmien stipulat fil-punt 6(c). Ta' min jinnota li kwalunkwe informazzjoni mressqa skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku se titqies biss jekk tkun sostnuta minn evidenza fattwali fil-mument meta titressaq.

## 6. **Limiti ta' żmien**

(a) *Għall-partijiet biex jitolbu kwestjonarju jew formoli ta' talbiet oħrajn*

Kull parti interessata li ma tkunx ikkooperat fl-investigazzjoni li twassal għall-miżuri soġġetti għar-reviżjoni preżenti għandha titlob kwestjonarju jew formoli ta' klejms oħrajn mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 15-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(b) *Biex il-partijiet jippreżentaw ruħhom: it-tressiq tat-tweġibiet għall-kwestjonarju u kull tagħrif ieħor*

Il-partijiet interessati kollha, jekk ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom ikunu se jitqiesu matul l-investigazzjoni, għandhom jippreżentaw lilhom infushom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom, iressqu t-tweġibiet tal-kwestjonarju jew kwalunkwe tagħrif ieħor, fi żmien 40 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Qed tinġibed l-attenzjoni li l-eżerċitazzjoni tal-biċċa l-kbira tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku tiddependi mill-fatt li l-parti tippreżenta ruħha matul il-perjodu msemmi qabel.

(c) *Seduti ta' smigħ*

Il-partijiet interessati kollha jistgħu wkoll japplikaw biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 40 jum.

## 7. **Is-sottomissjonijiet bil-miktub, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza**

Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-fax tal-parti interessata. Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan l-avviż, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta minn partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali, għandhom ikunu mmarkati bħala "*Limitati*" ([1]) u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandhom ikunu akkumpanjati b'verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati".

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate H
Office: N 105 4/92
B-1049 Brussels
Fax (32-2) 295 65 05

## 8. **In-nuqqas ta' kooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fil-limiti ta' żmien, jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, ir-rivelazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu joħorġu skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni għandha titwarrab u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss b'mod parzjali, u jsir użu mill-fatti disponibbli, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

([1]) Dan ifisser li d-dokument huwa biss għall-użu intern. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001(ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument uffiċjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim dwar l-Anti-dumping).

9. **L-iskeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni se tkun konkluża, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku, fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

10. **Il-possibbiltà li tintalab reviżjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku**

Hekk kif din ir-reviżjoni ta' skadenza titnieda skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ir-rivelazzjonijiet tagħha mhumiex se jwasslu għal-livell li l-miżuri eżistenti jiġu emendati iżda se jwasslu biex dawk il-miżuri li jiġu revokati jew miżmuma l-istess skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament bażiku.

Jekk xi parti fil-proċediment tqis li tkun meħtieġa reviżjoni tal-livell tal-miżuri biex tippermetti l-possibbiltà li temenda (jiġifieri żżid jew tnaqqas) il-livell tal-miżuri, dik il-parti tista' titlob għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

Il-partijiet li jixtiequ jitolbu reviżjoni ta' din ix-xorta, li ssir b'mod indipendenti mir-reviżjoni ta' skadenza msemmija f'dan l-avviż, jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fl-indirizz li jidher hawn fuq.

11. **L-ipproċessar ta' dejta personali**

Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tkun ittrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]).

12. **L-Uffiċjal għas-Smigħ**

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Smigħ tad-DĠ Kummerċ. Huwa jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn hemm bżonn, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'din il-proċedura, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament tas-sottomissjonijiet tal-fehmiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni fuq l-internet tal-Uffiċjal għas-Smigħ tal-websajt tad-DĠ Kummerċ (http://ec.europa.eu/trade).

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## GĦAJNUNA MILL-ISTAT — IR-RUMANIJA

**Għajnuna mill-Istat C 39/08 (ex N 148/08) — Għajnuna għat-taħriġ lil Ford Craiova**

**Stedina għas-sottomissjoni ta' kummenti skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 270/13)

Permezz tal-ittra bid-data 10 ta' Settembru 2008 riprodotta fil-lingwa awtentika fil-paġni ta' wara ta' dan is-sommarju, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija bid-deċiżjoni tagħha biex tibda l-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE li tirrigwarda l-għajnuna għat-taħriġ marbuta mal-għajnuna hawn fuq imsemmija.

Il-partijiet interessati jistgħu jissottomettu l-kummenti tagħhom fir-rigward tal-għajnuna għat-taħriġ, li dwarha l-Kummissjoni qiegħda tibda l-proċedura, fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan is-sommarju u tal-ittra segwenti, lill-

Kummissjoni Ewropea
Id-DĠ tal-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru għall-Għajnuna mill-Istat
Rue de la Loi/Wetstraat, 200
B-1049 Brussell
Faks (32-2) 296 12 42

Dawn l-osservazzjonijiet ser jiġu kkomunikati lir-Rumanija. Il-parti interessata li tissottometti l-kummenti tista' titlob bil-miktub biex l-identità tagħha tingħata trattament kunfidenzjali, filwaqt li jingħataw ir-raġunijiet għat-talba.

TEST TAS-SOMMARJU

### PROĊEDURA

L-għajnuna għat-taħriġ ippjanata lil Ford f'Craiova, ir-Rumanija ġiet innotifikata lill-Kummissjoni fl-1 ta' April 2008.

### DESKRIZZJONI

Il-Benefiċjarju tal-għajnuna se jkun il-manifattur tal- vetturi Ford Craiova li ħa taħt idejh il-faċilitajiet ta' produzzjoni u n-negozju li kien immexxi qabel minn SC Automobile Craiova SA u SC Daewoo Automobile SA Romania.

L-awtoritajiet tar-Rumanija jipproponu li jagħtu EUR 57 miljun f'għajnuna għat-taħriġ li jammonta għal EUR 141 miljun fi spejjeż eleġibbli. Il-pjan ta' taħriġ għandu japplika mill-2008 sal-2012 u se jkopri kemm l-impjegati tal-preżent kif ukoll dawk tal-ġejjieni, jiġifieri total ta' madwar 9 000 persuna. Il-pjan jista' jinqasam fl-erba' temi li ġejjin: (i) Taħriġ dwar Saħħa u Sigurtá; (ii) Ħilijiet Ewlenin (b'mod partikolari l-litteriżmu, il-ħiliet numeriċi, it-Teknoloġija tal-Informatika, l-Ingliż, il-komunikazzjoni, kwistjonijiet ta' ġestjoni, eċċ) (iii) Il-Fundamentali tan-Negozju (jiġifieri din it-tema hija mmirata biex ġġib il-persunal li qiegħed jokkupa pożizzjonijiet għoljin ta' ġestjoni jew imexxi timijiet ta' nies, fuq livell tan-negozju Ewropew u globali u jinkludi korsijiet dwar ġestjoni, negozju, u l-kontroll tal-kwalitá); u (iv) Ħilijiet Industrijali (li jkopru ħilijiet industrijali u tekniċi li huma relevanti għall-produzzjoni fil-faċilitá ta' Craiova.

Il-programm ta' taħriġ fil-parti l-kbira tiegħu jinkludi miżuri *ġenerali* ta' taħriġ u xi miżuri ta' taħriġ *speċifiċi*.

Skont l-informazzjoni pprovduta, il-forza tax-xogħol ta' Craivoa fil-preżent għandha biss kompetenza limitata ta' kif tipproduċi l-vetturi u l-magni u b'hekk il-livell tal-ħilijiet huwa baxx wisq biex il-faċilitá li qiegħda tibni Ford, li hija mgħammra bl-aħjar teknoloġija moderna, tkun tista' titħaddem sewwa. F'dan ir-rigward, ir-Rumanija ssostni li l-forza tax-xogħol (kemm l-impjegati fil-preżent kif ukoll, minħabba n-nuqqas rrikonoxxut ta' ħilijiet fiż-żona, l-impjegati ġodda) se teħtieġ taħriġ estensiv.

Barra minn dan, ir-Rumanija qed tishaq li l-għajnuna hija meħtieġa għaliex mingħajr l-impenn min-naħa tal-gvern biex tingħata l-għajnuna, Ford ma kinitx tixtri l-impjant tal-karozzi iżda minflok kienet tinvesti fl-lokalità differenti.

**EVALWAZZJONI**

F'dan l-istadju, il-Kummissjoni għandha dubji serji dwar jekk l-għajnuna ppreveduta tilħaqx il-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 u l-Artikolu 87 (3) (c) tat-Trattat tal-KE.

Il-Kummissjoni għandha raġunijiet validi biex tassumi li l-benefiċjarju se jkollu jipprovdi t-taħriġ anke fin-nuqqas tal-għajnuna. Wara l-investimenti li saru fl-impjant tal-karozzi fil-Craiova, ir-Rumanija, Ford irid iħarreġ il-forza tax-xogħol eżistenti sabiex l-impjant ikun jista' jibda jopera. Barra minn hekk, jidher li se jkun pjuttost diffiċli li jinstabu impjegati diġà mħarrġa bis-sħiħ u tas-sengħa biex jaħdmu fil-produzzjoni tal-vetturi fis-suq lokali.

**KONKLUŻJONI**

Fid-dawl tad-dubji msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda' l-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE.

TEST TA' L-ITTRA

"Comisia dorește să informeze România că, în urma examinării informațiilor furnizate de autoritățile dumneavoastră privind măsura menționată anterior, a decis să inițieze procedura prevăzută la articolul 88 alineatul (2) din Tratatul CE.

1. **PROCEDURA**

1. Printr-o notificare trimisă la data de 1 aprilie 2008, România a notificat ajutorul în cauză.

2. Printr-o scrisoare din 18 aprilie 2008, Comisia a solicitat informații complementare, care îi erau necesare pentru evaluarea ajutorului notificat. România a furnizat aceste informații printr-o scrisoare înregistrată de Comisie la data de 25 iunie 2008. La 18 iulie 2008, Comisia s-a întâlnit cu autoritățile române și cu reprezentanții beneficiarului. S-a convenit, de asemenea, că termenul de 2 luni în care Comisia are obligația să finalizeze evaluarea notificării și să adopte o decizie, conform dispozițiilor articolului 4 alineatul (5) din Regulamentul (CE) nr. 659/1999, va începe la 18 iulie 2008.

2. **DESCRIEREA PROIECTULUI**

2.1. **Beneficiarul**

3. Beneficiarul ajutorului va fi societatea română producătoare de automobile Ford Craiova, care a preluat la 12 septembrie 2007 instalațiile de producție și activitatea economică gestionate anterior de SC Automobile Craiova SA (denumită în continuare ACSA) și SC Daewoo Automobile SA România (denumită în continuare DWAR), în urma privatizării acestora de către agenția română de privatizare AVAS.

4. Prin decizia din 27 februarie 2008, Comisia a constatat că privatizarea ACSA și DWAR a condus la acordarea de ajutoare incompatibile ca urmare a condițiilor atașate vânzării ([1]). Comisia a dispus recuperarea a 27 milioane EUR.

5. Uzina de automobile Ford Craiova are în prezent 3 900 de angajați. Până la sfârșitul anului 2012, societatea intenționează să angajeze peste 7 000 de oameni și posibil, pe termen lung, chiar 9 000. Instalațiile sale sunt potrivite atât pentru producerea de automobile, cât și pentru fabricarea de motoare și cutii de viteză. Cu toate acestea, producția de automobile a încetat în ianuarie 2008. Producția de motoare și cutii de viteze va continua în 2008 și va fi furnizată General Motors în baza unui contract de furnizare încheiat în trecut de DWAR, urmând să se diminueze progresiv până la încetarea completă a activității în cursul anului 2009.

6. Prin decizia din 30 aprilie 2008, Comisia a aprobat un ajutor regional pentru investiții în valoare de 143 milioane EUR pentru un proiect de investiții de 675 milioane EUR la uzina Craiova ([2]). Ajutorul regional a atins intensitățile maxime permise. Conform acestui proiect regional pentru investiții, producția de automobile va începe în 2009, iar cea de motoare în 2011. Data prevăzută pentru finalizarea proiectului și atingerea capacității maxime de producție este 2012.

7. Uzina de automobile este situată într-o regiune care poate beneficia de ajutor în temeiul articolului 87 alineatul (3) litera (a) din Tratatul CE.

2.2. **Proiectul de formare**

8. Se intenționează ca proiectul de formare să fie realizat în perioada 2008-2012 și să îi vizeze atât pe angajații actuali, cât și pe cei viitori, în total 9 000 de oameni, conform estimărilor.

9. Costurile eligibile pentru proiectul de formare în favoarea Ford Craiova reprezintă 141 milioane EUR, dintre care 139,7 milioane urmează să fie cheltuite pentru formare generală, iar 1,7 milioane pentru formare specifică. România aplică o intensitate a ajutorului de 50 % pentru măsurile de formare generală, respectiv un ajutor de 69,9 milioane EUR, și 25 % pentru măsurile de formare specifică, respectiv un ajutor de 0,4 milioane EUR.

10. Cu toate că ajutorul pentru formare ar putea atinge o valoare de 70 milioane EUR pentru costurile eligibile totale ale proiectului, România intenționează să acorde și, prin urmare, să notifice un ajutor de 57 milioane EUR. Ajutorul va fi acordat progresiv, pe măsură ce se derulează cursurile, până la atingerea plafonului de 57 milioane EUR.

11. Proiectul poate fi împărțit în următoarele patru «tematici»:

(a) *Formare privind sănătatea și securitatea*

12. Această temă de formare cuprinde în total 79 de cursuri, menite să instruiască personalul privind comportamentele sigure la locul de muncă, și acoperă 15 domenii: cerințe legale, precum drepturi și obligații adresate tuturor angajaților; instrucțiuni în caz de urgență, de incendiu și

([1]) Decizia Comisiei din 27 februarie 2008 prind Ajutorul de Stat C 46/07, Privatizarea societății Automobile Craiova, România, nepublicată încă.

([2]) Decizia Comisiei din 30 aprilie 2008 prind Ajutorul de Stat N 767/07, Ajutor regional pentru investiții în favoarea Ford Craiova, nepublicată încă.

privind evacuarea; prevenirea incendiilor și utilizarea stingătoarelor; asigurarea curățeniei — păstrarea unui spațiu de lucru curat; mediu — standarde în domeniul mediului, de ex. ISO 14001; manipularea materialelor/ergonomie; echipament individual de protecție; utilizarea în condiții de siguranță a echipamentelor; utilizarea în condiții de siguranță a uneltelor manuale și electrice; utilizarea scărilor/lucrul la înălțime; spații închise; protecția pielii; securitatea la birou; lucrul cu materiale periculoase și semnalizarea de securitate.

13. Formarea va cuprinde, pentru toate cele 15 domenii, o introducere privind principiile de bază, respectiv reglementările și responsabilitățile legale ale angajaților și angajatorilor, operarea în condiții de siguranță, principii de mentenanță și reparare, sisteme de gestionare a securității, întocmirea de rapoarte, identificarea riscurilor, controlul și prevenirea accidentelor, însă și elemente de comportament, precum sensibilizarea cu privire la pericolele, riscurile și accidentele care pot surveni într-un mediu de lucru industrial, rolurile și responsabilitățile în cadrul gestionării aspectelor de securitate la locul de muncă și impactul comportamentului individual și de grup asupra gestionării securității la locul de muncă, dezvoltarea unei atitudini receptive față de aspectele de securitate și felul în care acest lucru poate îmbunătăți nivelul de garantare a securității.

14. România susține că orice formare consacrată acestei tematici depășește ceea ce angajatorul are obligația să asigure în temeiul legii. De asemenea, România consideră că, deși normele și practicile de securitate de la uzina Craiova sunt considerabil inferioare celor din alte unități industriale din Europa, angajații existenți au un nivel suficient de cunoștințe în domeniul securității; cu toate acestea, formarea are în vedere ca aceștia să «se dezvețe» de comportamentele și practicile trecute. În opinia României, formarea de noi angajați la Craiova va presupune investirea unor eforturi semnificativ mai importante decât formarea de angajați în Europa de vest.

